**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022**

**Rikors nru: 600/2021AGV :**

**AB**

Vs

**CD**

Il-Qorti rat ir-rikors ta' **AB** detentur tal-karta tal-identita numru 514584M, datat 6 ta' Dicembru 2021 fejn espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-28 ta' Awwissu, 2010 (**Dok. A**) u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt it-tfal ilkoll minorreni.

2. Illi l-partijiet huma separati legalment b'kuntratt datat 21 ta' Marzu, 2016 fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri (**Dok. B**).

3. Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom mifrudin il-fuq minn ħames snin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

4. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq riferit il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt li jesiġu manteniment mingħand xulxin.

5. Illi fir-rigward tal-manteniment pagabbli lill-intimata għaż-żewġt' it-tfal minuri tal-partijiet, ir-rikorrenti jikkonferma li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

6. Illi l-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

**GĦALDAQSTANT r-rikorrenti umilment jitlob lil l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. **TIPPRONUNZJA l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet.**

2. **TORDNA lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien prefiss għaldaqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru**

**Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.**

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Gimgha 14 ta' Jannar dehret l-intimata CD li mhux qed toggezzjona ghad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**